MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1162/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**Kam Caterers Co. Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlieta u tmenin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm83.12) kwantu ghal sebghin lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm70.44) Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perjodu 6 ta' Ottubru, 2003 sal-5 ta' Ottubru, 2004, in konnessjoni mal-licenzja Nru 012058 (Dok A) rilaxxata mis-socjeta` attrici a favor tal-konvenut, b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-**

**istabbiliment "Paleon" Bugibba, u tnax-il lira u disgha u sittin centezmu (Lm12.69) Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Dicembru, 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fil-15 ta' Settembru, 2004, li biha stante pagament fil-mori tal-kawza cediet is-sorte pero` zammet ferm il-kap tal-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar il-meritu jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra legali tal-31 ta' Dicembru, 2003.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------